IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2013
COM(2013) 197 final

2013/0106 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Proċedura u adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/252/UE[1]

F'Ottubru 2009, il-Kummissjoni ġiet mistiedna mill-Kunsill Ewropew sabiex tippreżenta proposti li jistabbilixxu "proċeduri operattivi komuni ċari li jkun fihom regoli ċari ta' impenn għal operazzjonijiet konġunti fuq il-baħar, bil-ħsieb li tkun żgurata l-protezzjoni għal dawk fil-bżonn li jivvjaġġaw fi flussi mħalltin, f'konformità mad-dritt internazzjonali".[2] Dan reġa' ġie kkonfermat fil-Programm ta' Stokkolma ta' Diċembru 2009, fejn il-Kunsill Ewropew talab lill-Kummissjoni tressaq proposti mhux aktar tard mill-2010 biex tiċċara u ttejjeb ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") u biex tipprepara "regoli ċari ta' impenn għal operazzjonijiet konġunti fuq il-baħar, bil-ħsieb li tkun żgurata l-protezzjoni għal dawk fil-bżonn li jivvjaġġaw fi flussi mħalltin, f'konformità mad-dritt internazzjonali".[3]

Fl-2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/252/UE ("id-Deċiżjoni") bħala tweġiba għal dawn is-sejħiet mill-Kunsill Ewropew biex jissaħħu l-operazzjonijiet tal-kontroll mal-fruntieri kkoordinati mill-Aġenzija u biex jistabbilixxu regoli ċari ta' impenn għal rondi konġunti u l-iżbarkar ta' persuni li jiġu interċettati jew salvati sabiex tkun żgurata s-sigurtà ta' dawk li qegħdin ifittxu protezzjoni internazzjonali u tipprevjeni telf tal-ħajja fuq il-baħar. Il-Kummissjoni għażlet li tippreżenta l-proposta tagħha skont il-proċedura tal-komitoloġija bbażata fuq l-Artikolu 12(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[4] filwaqt li tqis id-Deċiżjoni bħala miżura addizzjonali li tirregola s-sorveljanza tal-fruntieri.

Id-Deċiżjoni tqieset bħala meħtieġa u xierqa sabiex timplimenta l-għan tas-sorveljanza tal-fruntieri, jiġifieri li tevita qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera. F'dan ir-rigward, ġie meqjus li s-sorveljanza mhux biss tħaddan il-kunċett ta' individwazzjoni iżda testendi għal passi bħal pereżempju l-interċettar ta' bastimenti li jippruvaw jidħlu fl-Unjoni illegalment. Ir-rabta tat-tfittxija u s-salvataġġ mas-sorveljanza tal-fruntieri kienet ibbażata fuq prattika attwali – migranti li jkunu qed jivvjaġġaw f'bastimenti mhux tajbin għall-baħar xi drabi jkunu f'sitwazzjoni ta' periklu meta jinstabu.

Id-Deċiżjoni inkorporat, fi ħdan strument legali wieħed, dispożizzjonijiet eżistenti tal-UE u tal-liġi internazzjonali. L-għan kien li jingħelbu l-interpretazzjonijiet differenti tal-liġi marittima internazzjonali adottati mill-Istati Membri u l-prattiki diverġenti tagħhom biex jiżguraw l-effiċjenza ta' operazzjonijiet fuq il-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija. Kien hemm riskju li f'operazzjoni fuq il-baħar japplikaw regoli differenti, xi kultant anke konfliġġenti, għall-istess sitwazzjoni. Qalb din l-inċertezza legali, il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri f'operazzjonijiet fuq il-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija kienet baxxa f'termini ta' kontribuzzjoni ta' inġenji, bastimenti u riżorsi umani. Dan, min-naħa l-oħra, fixkel l-effettività tal-operazzjonijiet u dgħajjef l-isforzi tas-solidarjetà tal-UE.

---

1 Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' April 2010 li tissupplimenta l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen rigward is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 111, 4.5.2010, p. 20.

2 Il-Kunsill Ewropew, il-Konklużjonijiet tal-Presidenza 29-30 ta' Ottubru 2009.

3 Ara l-punt 5.1 tal-Programm ta' Stokkolma, "Ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni", ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

4 Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

Id-Deċiżjoni kellha l-ħsieb li ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tiggarantixxi r-rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement f'operazzjonijiet fuq il-baħar. Xi Stati Membri, Membri tal-Parlament Ewropew, organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u akkademiċi kellhom dubji dwar jekk id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tar-refuġjati kinux qed jiġu rispettati waqt l-operazzjonijiet fuq il-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija, b'mod partikulari fl-ibħra internazzjonali. Id-Deċiżjoni kellha l-għan li tindirizza dan it-tħassib billi tistabbilixxi għadd ta' garanziji sabiex tiżgura r-rispett ta' dawn id-drittijiet, bħar-rekwiżit li l-persuni interċettati jew salvati jiġu infurmati dwar il-post tal-iżbark, tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet ta' persuni vulnerabbli u r-rekwiżit li l-għassiesa tal-fruntieri jitħarrġu f'dispożizzjonijiet rilevanti tad-drittijiet fundamentali u l-liġi dwar ir-refuġjati.

Id-Deċiżjoni ġiet adottata fis-26 ta' April 2010 bħala Deċiżjoni tal-Kunsill skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Parlament Ewropew qies li d-deċiżjoni kellha tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja u mhux il-proċedura tal-komitoloġija. Għaldaqstant, huwa beda proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti") kontra l-Kunsill għall-annullament tad-Deċiżjoni.

### 1.2. C-355/10: Il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill[5]

Il-Parlament Ewropew qies li d-Deċiżjoni tmur lil hinn mis-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti skont l-Artikolu 12(5) tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen minħabba li: (i) introduċiet elementi essenzjali ġodda fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; (ii) biddlet elementi essenzjali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen; u (iii) biddlet il-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004.[6] Il-Kunsill talab għall-inammissibbiltà tal-azzjoni, jew inkella, qies l-azzjoni bħala mingħajr mertu. Il-Kummissjoni, bħala l-unika parti li tintervjeni, aġixxiet biex tappoġġja l-Kunsill.

Il-Qorti qatgħet is-sentenza tagħha fil-5 ta' Settembru 2012. Hija annullat id-Deċiżjoni dwar l-ewwel aggravju safejn din qieset li d-dispożizzjonijiet dwar miżuri ta' interċettazzjoni, salvataġġ u żbarkar huma elementi essenzjali għall-att bażiku, jiġifieri l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen. Hija ma eżaminatx jekk id-Deċiżjoni tibdilx elementi essenzjali tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen jew jekk tibdilx il-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004.

Il-Qorti ddeċidiet li żżomm l-effetti tad-Deċiżjoni sakemm din tiġi sostiwita b'regoli ġodda fi żmien raġonevoli.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Meta tiġi vvalutata l-ħtieġa li titwettaq valutazzjoni tal-impatt, tqiesu l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

L-ewwel nett, l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/252/EU kienet ippreċeduta minn ammont sinifikanti ta' ħidma preparatorja. Fl-2005, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni sabiex

[5] C-355/10: il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq http://curia.europa.eu/juris/liste.jsf?pro=&lgrec=en&nat=&oqp=&dates=&lg=&language=mt&jur=C%2CT%2CF&cit=none%252CC%252CCJ%252CR%252C2008E%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252C%252Ctrue%252Cfalse%252Cfalse&num=C-355%252F10&td=ALL&pcs=O&avg=&page=1&mat=or&jge=&for=&cid=228546 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra tal-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea).

[6] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 136).

teżamina l-qafas legali applikabbli għall-operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri fuq il-baħar u sussegwentement tipprepara regoli fil-livell tal-Unjoni. Fl-2007, il-Kummissjoni ppreżentat studju li fih analizzat il-qafas legali internazzjonali fir-rigward tas-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar u l-ostakli għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu[7]. Fl-istess sena, il-Kummissjoni waqqfet grupp informali ta’ esperti mill-Istati Membri, l-Aġenzija, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni sabiex ifassal linji gwida għal operazzjonijiet fuq il-baħar ikkorrdinati mill-Aġenzija. Ir-riżultati ta’ dan il-grupp informali ntużaw mill-Kummissjoni bħala bażi għall-abbozz ta’ proposta ppreżentata skont il-proċedura ta’ komitoloġija.

It-tieni nett, fid-dawl tal-preparamenti għal din il-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri u lill-Aġenzija permezz ta' Grupp ta' Esperti dwar il-Fruntieri Esterni biex jiddeterminaw sa liema punt din il-proposta għandha tirrifletti l-kontenut tad-Deċiżjoni. B'mod ġenerali, l-Istati Membri qiesu li din il-proposta għandha tibni fuq id-Deċiżjoni, iżżomm il-kamp ta’ applikazzjoni tagħha limitat għal operazzjonijiet fuq il-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija, issaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, tiċċara d-distinzjoni bejn il-miżuri ta’ interċettazzjoni u salvataġġ, tindirizza l-kwistjoni tal-iżbark u tiżgura konsistenza mal-obbligi internazzjonali, filwaqt li tqis żviluppi legali u ġudizzjarji fuq il-livell tal-UE u internazzjonali.

It-tielet nett, fir-rigward tal-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/252/UE, il-Qorti talbet li d-Deċiżjoni tinbidel fi żmien raġonevoli. Għalkemm il-kunċett ta’ “żmien raġonevoli” mhuwiex definit fis-sentenza, huwa mifhum li fid-dawl tal-possibbiltà ta’ diskussjonijiet diffiċli u twal bejn iż-żewġ leġiżlaturi tal-UE, il-Kummissjoni għandha taġixxi bil-ħeffa.

Konsegwentement, ġie meqjus li din il-proposta ma għandhiex għalfejn tkun akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din il-proposta hija msejsa fuq l-Artikolu 77(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Bil-ħsieb li tiżviluppa politika ta' fruntieri esterni, inkluż l-iżgurar ta’ sorveljanza effikaċi tal-fruntieri esterni kif stabbiliti fl-Artikolu 77(1), l-Artikolu 77(2)(d) jipprovdi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw “kwalunkwe miżura meħtieġa għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni.”

L-għan ta' politika tal-Unjoni fil-qasam tal-fruntieri esterni tal-UE hija li jkun żgurat monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni inkluż permezz tas-sorveljanza tal-fruntieri. L-għan tas-sorveljanza tal-fruntieri huwa li tipprevjeni qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera u biex jinqabdu jew jittieħdu miżuri kontra dawk il-persuni li jkunu qasmu l-fruntiera b’mod irregolari. Is-sorveljanza tal-fruntieri għandha tkun effettiva fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta’ persuni milli jaħarbu mill-verifiki fil-punti ta’ qsim tal-fruntiera. Għal dan il-għan, is-sorveljanza tal-fruntieri mhijiex limitata għas-sejba ta' tentattivi ta' qsim irregolari tal-fruntieri iżda ugwalment testendi għal passi bħall-interċettar ta’ vapuri ssuspettati li jippruvaw jiksbu aċċess lejn l-Unjoni mingħajr is-sottomissjoni għal kontrolli fil-fruntieri, kif ukoll arranġamenti maħsuba biex jindirizzaw sitwazzjonijiet bħat-tfittxija u s-salvataġġ li jista’ jkun hemm bżonn waqt operazzjoni fuq il-baħar u arranġamenti maħsuba biex jikkonkludu operazzjoni bħal din b’suċċess.

[7] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Studju dwar l-istrumenti tal-liġi internazzjonali fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali fuq il-baħar, SEC(2007) 691.

Peress li l-għanijiet tal-azzjoni li jridu jitwettqu, jiġifieri l-adozzjoni ta' regoli speċifiċi għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-baħar mill-gwardji tal-fruntieri li joperaw taħt il-koordinazzjoni tal-Aġenzija, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, minħabba d-differenzi fil-liġijiet u l-prassi tagħhom, u għalhekk, minħabba n-natura multinazzjonali tal-operazzjonijiet, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dawn l-għanijiet jintlaħqu.

Abbażi ta' dawn il-prinċipji, bħal fil-każ ta' din id-deċiżjoni, din il-proposta tapplika biss fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkordinata mill-Aġenzija u ma tikkonċernax l-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa mill-Istati Membri individwalment jew li jikkooperaw 'ilbarra minn dak il-qafas.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-proposta ma timponi l-ebda piż finanzjarju jew amministrattiv fuq l-Unjoni. Għalhekk ma għandha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

### 5.1. Tqabbil bejn din il-proposta u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/252/UE

Il-kamp ta'applikazzjoni u l-kontenut ta' din il-proposta huma simili għal dawk tad-Deċiżjoni. Il-bidliet ippreżentati fil-proposta meta mqabbla mad-Deċiżjoni huma bbażati fuq żviluppi legali u ġudizzjarji, bħall-emendi għar-Regolament (KE) Nru 2007/2004[8] u s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Hirsi Jamaa u Oħrajn vs. l-Italja,[9] dwar il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċarezza fir-rigward tal-kunċetti ta' interċettazzjoni u salvataġġ, u dwar l-esperjenzi prattiċi tal-Istati Membri u l-Aġenzija meta jimplimentaw id-Deċiżjoni.

#### *5.1.1. Forma*

L-għażla tal-istrument legali u l-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet huma differenti. Din hija proposta għal Regolament indirizzata lill-Istati Membri kollha skont it-Trattati u għandha tiġi adottata skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-forma tagħha tirrifletti l-għażla ta' strument legali li jikkonsisti minn preambolu (ċitazzjonijiet u tmintax-il premessa) u ħdax-il artikolu maqsuma f'erba' kapitoli. Għandha torbot fl-intier tagħha u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Min-naħa l-oħra, id-Deċiżjoni ġiet adottata bħala miżura ta' implimentazzjoni li tuża l-proċedura regolatorja bi skrutinju. Din tikkonsisti minn preambolu (ċitazzjonijiet u tmintax-il premessa), żewġ artikoli u Anness maqsum f'żewġ partijiet. Il-Parti I tal-Anness tistabbilixxi regoli għall-operazzjonijiet mal-fruntieri tal-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija filwaqt li l-Parti II tal-Anness tikkonsisti f'linji gwida li ma jorbtux għal sitwazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ u għall-iżbark fil-kuntest ta' operazzjonijiet fuq il-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija.

---

8 Regolament (UE) Nru 1168/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 1

9 Sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (Awla Manja) tat-23 ta' Frar 2012 (Applikazzjoni Nru 27765/09); fuq http://hudoc.echr.coe.int/sites/eng/pages/search.aspx?i=001-109231#{"itemid":["001-109231"]}

*5.1.2. Kontenut*

Il-kamp ta’ applikazzjoni ta' din il-proposta huwa l-istess bħal dak tad-Deċiżjoni, jiġifieri operazzjonijiet ta’ sorveljanza tal-fruntieri fuq il-baħar imwettqa mill-Istati Membri taħt il-koordinament tal-Aġenzija (l-Artikolu 1). Għalkemm fid-Deċiżjoni, il-kunċett ta’ “sorveljanza tal-fruntieri” kien mifhum li jinkludi l-miżuri ta’ interċettazzjoni u arranġamenti għas-salvataġġ li jirriżultaw waqt l-operazzjonijiet ta’ sorveljanza tal-fruntieri, kien għad hemm dubju dwar jekk dawn il-miżuri kinux fil-fatt jaqgħu taħt il-kunċett ta' sorveljanza tal-fruntieri kif definiti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta’ Schengen. Din il-proposta tkopri espliċitament dan il-kunċett usa' ta’ sorveljanza tal-fruntieri billi tindika li s-sorveljanza tal-fruntieri mhijiex limitata għas-sejba ta' tentattivi ta' qsim irregolari tal-fruntiera iżda ugwalment testendi għal passi bħalma huma l-miżuri ta’ interċettazzjoni, u arranġamenti maħsuba biex jindirizzaw sitwazzjonijiet bħal tiftix u salvataġġ li jista’ jkun hemm bżonn waqt operazzjoni fuq il-baħar u arranġamenti maħsuba biex jikkonkludu operazzjoni bħal din b’suċċess (il-premessa 1 u l-Kapitolu III).

Meta ġiet riveduta d-Deċiżjoni, kien hemm bżonn li jitqiesu l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 2007/2004. L-Aġenzija issa hija wkoll inkarigata li tassisti lill-Istati Membri f’ċirkustanzi li jeħtieġu aktar assistenza teknika mal-fruntieri esterni, meta jitqies li xi sitwazzjonijiet jistgħu jinvolvu emerġenzi umanitarji u salvataġġ fuq il-baħar. Dan ifisser li minkejja li l-Aġenzija la ssir korp ta’ tfittxija u salvataġġ u lanqas ma tassumi l-funzjonijiet ta' ċentru ta' koordinazzjoni ta' salvataġġ fuq il-baħar, waqt operazzjoni fuq il-baħar hija tassisti lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom skont il-liġi marittima internazzjonali li tingħata assistenza lil persuni f’diffikultà u din il-proposta tistabbilixxi regoli dwar kif jiġu trattati dawn is-sitwazzjonijiet waqt operazzjoni fuq il-baħar ikkoordinata mill-Aġenzija (il-premessa 2 u l-Artikolu 9).

Mal-emendi għar-Regolament (KE) Nru 2007/2004, il-pjan operattiv sar strument li jorbot legalment fir-rigward tal-operazzjonijiet kollha kkoordinati mill-Aġenzija u mhux biss fir-rigward ta' intervenzjonijiet rapidi. Il-kontenut tal-pjan operattiv huwa elenkat fl-Artikoli 3a u 8e tar-Regolament (KE) Nru 2007/2004 li wkoll jirreferi speċifikament għal operazzjonijiet fuq il-baħar. Ir-regoli stipulati f’din il-proposta huma intiżi sabiex jiffurmaw parti mill-pjan operattiv imfassal skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti għal operazzjonijiet fuq il-baħar.

L-iżviluppi legali u ġudizzjarji li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali jitqiesu wkoll f’din il-proposta. L-Artikolu 4, li jittratta l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta’ non-refoulement waqt operazzjonijiet fuq il-baħar, jindirizza t-tħassib li tqajjem mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-Deċiżjoni tagħha f'Hirsi Jamaa u Oħrajn vs. l-Italja fir-rigward tal-iżbark ta’ persuni interċettati jew salvati f’pajjiżi terzi, kemm f’termini ta’ relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, kif ukoll l-obbligi tal-Istati Membri fil-konfront tal-individwu. Dan l-artikolu jikkonċerna l-implimentazzjoni prattika tal-prinċipju ta’ non-refoulement kif imniżżel fl-Artikolu 19(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F’każ ta’ żbark f’pajjiż terz, il-persuni interċettati jew salvati jridu jiġu identifikati u ċ-ċirkustanzi personali tagħhom iridu jiġu evalwati safejn hu possibbli qabel l-iżbark. Huma jridu jiġu infurmati wkoll dwar il-post ta’ żbark b’mod xieraq u jridu jingħataw opportunità li jesprimu kwalunkwe raġuni għaliex jemmnu li l-iżbark fil-post propost ikun bi ksur tal-prinċipju ta’ non-refoulement. Dan jiggarantixxi li l-migranti jiġu infurmati dwar is-sitwazzjoni tagħhom u l-post ta’ żbark propost u b’hekk jitħallew jesprimu kwalunkwe oġġezzjoni.

Skont il-Kapitolu III, din il-proposta tiddistingwi b’mod ċar bejn is-sejbien, l-interċettar u s-salvataġġ. Fir-rigward tal-interċettazzjoni, filwaqt li din il-proposta żżomm l-istess sett ta'

miżuri bħal fid-Deċiżjoni, hija tiddistingwi bejn il-miżuri li jistgħu jittieħdu fil-baħar territorjali (l-Artikolu 6), fl-ibħra internazzjonali (l-Artikolu 7) u f'żona kontigwa[10] (l-Artikolu 8), b'hekk tiċċara l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jittieħdu dawn il-miżuri u l-bażi ġuriżdizzjonali dwar liema azzjoni tista' tittieħed b'mod partikulari fir-rigward ta' vapuri mingħajr Stat. Abbażi tal-Protokoll kontra t-Traffikar ta' Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, l-interċezzjoni ta' vapuri fl-ibħra internazzjonali issa hija marbuta b'mod ċar mal-ħtieġa li jkun hemm suspett raġonevoli li l-vapur ikun qed jintuża għat-traffikar tal-migranti. Bħal fid-Deċiżjoni, l-eżerċitar ta' ġurisdizzjoni fl-ibħra internazzjonali dejjem irid ikun ibbażat fuq l-awtorizzazzjoni tal-Istat tal-bandiera.

Fir-rigward tas-sitwazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, it-test f'din il-proposta jibqa' l-istess bħal fid-Deċiżjoni (l-Artikolu 9). Il-kliem huwa allinjat ma' dak użat fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi tal-1979, u l-Manwal tal-International Aeronautical and Maritime Search and Rescue (IAMSAR). Barra minn hekk, abbażi ta' dawn l-istrumenti internazzjonali, il-proposta tinkludi l-kriterji ta' meta vapur jitqies li jkun f'sitwazzjoni ta' inċertezza (l-Artikolu 9(3)), twissija (l-Artikolu 9(4)) u diffikultà (l-Artikolu 9(5)) kif ukoll definizzjoni ta' ċentru ta' koordinazzjoni ta' salvataġġ (l-Artikolu 2(12)).

Din il-proposta, b'mod differenti mid-Deċiżjoni, tindirizza l-kwistjoni tal-iżbark f'termini ta' interċettazzjoni u salvataġġ (l-Artikolu 10). Fir-rigward tal-interċettazzjoni fil-baħar territorjali jew f'żona kontigwa, l-iżbark iseħħ fl-Istat Membru kostali. Fir-rigward tal-interċettazzjoni fl-ibħra internazzjonali, suġġett ta' garanzija tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' non-refoulement, l-iżbark jista' jseħħ fil-pajjiż terz minn fejn ikun telaq il-vapur. Jekk dan ma jkunx possibbli, allura l-iżbark iseħħ fl-Istat Membru ospitanti.

Fir-rigward tal-iżbark wara operazzjoni ta' salvataġġ, din il-proposta tirreferi għall-kunċett ta' "post ta'sikurezza" kif definit fil-Linji gwida dwar it-Trattament tal-Persuni Salvati minn fuq il-Baħar maħruġa mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali,[11] filwaqt li jitqiesu l-aspetti tad-drittijiet fundamentali[12] (l-Artikoli 2(11) u 10(4)), u titlob lill-Istati Membri sabiex jikkooperaw maċ-ċentru ta' koordinazzjoni ta' salvataġġ responsabbli biex jipprovdi port jew post ta' sikurezza xieraq u biex jiżgura żbark rapidu u effettiv. Din il-proposta tqis il-fatt li f'dan l-istadju l-unitajiet marittimi u tal-ajru jkunu qed jaġixxu taħt il-koordinazzjoni taċ-ċentru ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ, li jiddetermina l-port jew il-post ta' żbark xieraq. Madankollu, hija tirrikonoxxi wkoll il-possibbiltà li l-unitajiet marittimi jiżbarkaw fl-Istat Membru ospitanti jekk dawn ma jkunux meħlusa mill-obbligu tagħhom li jassistu persuni f'diffikultà malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku, filwaqt li titqies is-sikurezza tal-persuni salvati u dik tal-unità marittima nnifisha.

---

[10] Żona kontigwa hija rregolata fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar. Hija żona maġenb il-baħar territorjali u ma tistax testendi lil hinn minn 24 mil nawtiku mil-linji bażi minn fejn jitkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali. Tikkostitwixxi parti miż-żona ekonomika esklużiva jew mill-ibħra internazzjonali, skont jekk l-Istat kostali ikunx ipproklama żona ekonomika esklużiva, u hija żona fejn japplika l-ħelsien tan-navigazzjoni. Għalkemm mhijiex parti mill-baħar territorjali, l-Istat kostali jista' jeżerċita l-kontroll meħtieġ biex jipprevjeni u jikkastiga l-ksur tal-liġijiet u r-regolamenti doganali, fiskali, dwar l-immigrazzjoni jew sanitarji tiegħu fi ħdan it-territorju jew il-baħar territorjali tiegħu.

[11] Ir-Riżoluzzjoni MSC.167(78), adottata fl-20 ta' Mejju 2004.

[12] Ir-Riżoluzzjoni 1821(2011) tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

2013/0106 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tal-fruntieri esterni tal-baħar fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-għan ta' politika tal-Unjoni fil-qasam tal-fruntieri esterni tal-Unjoni huwa li jkun żgurat monitoraġġ effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri esterni inkluż permezz tas-sorveljanza tal-fruntieri. L-għan tas-sorveljanza tal-fruntieri huwa li tipprevjeni qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, sabiex tiġi miġġielda l-kriminalità transfruntiera u biex jinqabdu jew jittieħdu miżuri kontra dawk il-persuni li jkunu qasmu l-fruntiera b'mod irregolari. Is-sorveljanza tal-fruntieri għandha tkun effettiva fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' persuni milli jaħarbu mill-verifiki fil-punti ta' qsim tal-fruntiera. Għal dan il-għan, is-sorveljanza tal-fruntieri mhijiex limitata għas-sejba ta' tentattivi ta' qsim irregolari tal-fruntieri iżda ugwalment testendi għal passi bħall-interċettar ta' vapuri ssuspettati li jippruvaw jiksbu aċċess lejn l-Unjoni mingħajr is-sottomissjoni għal kontrolli fil-fruntieri, kif ukoll arranġamenti maħsuba biex jindirizzaw sitwazzjonijiet bħat-tfittxija u s-salvataġġ li jista' jkun hemm bżonn waqt operazzjoni ta' sorveljanza tal-fruntieri fuq il-baħar u arranġamenti maħsuba biex jikkonkludu operazzjoni bħal din b'suċċess.

(2) L-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija"), imwaqqfa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 tas-26 ta' Ottubru 2004[13], hija responsabbli mill-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, inkluż fir-rigward tas-sorveljanza tal-fruntieri. L-Aġenzija hija responsabbli wkoll biex tassisti lill-Istati Membri f'ċirkustanzi li jeħtieġu aktar assistenza teknika mal-fruntieri esterni, meta jitqies li xi sitwazzjonijiet jistgħu jinvolvu emerġenzi umanitarji u salvataġġ fuq il-baħar. Regoli speċifiċi huma meħtieġa fir-rigward ta' attivitajiet ta' sorveljanza tal-fruntieri mwettqa mill-unitajiet marittimi u tal-ajru ta' Stat Membru mal-fruntieri marittimi ta' Stati Membri oħra jew fl-ibħra internazzjonali fil-kuntest ta' kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija biex tissaħħaħ aktar tali kooperazzjoni.

[13] ĠU L 153M, 7.6.2006, p. 136.

(3) L-istabbiliment tas-sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR), imwaqqfa mir-Regolament (UE) Nru […/…] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' […], għandha ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u l-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u mal-Aġenzija. Dan jiżgura li l-għarfien sitwazzjonali u l-kapaċità ta' reazzjoni tal-Istati Membri jitjiebu b'mod konsiderevoli, anke bl-appoġġ tal-Aġenzija, għall-iskopijiet tas-sejbien u l-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, għall-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera u għall-kontribuzzjoni biex jipproteġu u jsalvaw ħajjet il-migranti mal-fruntieri esterni tagħhom. Meta tikkoordina operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri, l-Aġenzija għandha tipprovdi lill-Istati Membri b'informazzjoni u analiżi dwar dawn l-operazzjonijiet.

(4) Waqt l-operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntiera, l-Istati Membri u l-Aġenzija għandhom jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-Protokoll tagħha kontra t-Traffikar tal-Immigranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, il-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra u strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn.

(5) Skont ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)[14] u l-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-Unjoni, kwalunkwe miżura li tittieħed waqt l-operazzjoni ta' sorveljanza għandha tkun proporzjonali mal-għanijiet segwiti, mhux diskriminatorja u għandha tirrispetta b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tar-refuġjati u ta' dawk li jfittxu ażil, inkluż il-prinċipju ta' non-refoulement. L-Istati Membri u l-Aġenzija huma marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-acquis dwar l-ażil, u b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat[15], fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-ażil li jsiru fit-territorju, inkluż fil-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu tal-Istati Membri.

(6) L-eżistenza possibbli ta' arranġament bejn Stat Membru u pajjiż terz ma tistax teħles lill-Istati Membri minn dawk l-obbligi kull meta jkunu konxji jew għandhom ikunu konxji li nuqqasijiet sistemiċi fil-proċedura tal-asil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil f'dak il-pajjiż terz jammontaw għal raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li min ifittex asil jiffaċċja riskju reali li jkun soġġett għal trattament inuman jew degradanti jew fejn ikunu konxji jew għandhom ikunu konxji li dan il-pajjiż terz ikun involut fi prattiki f'kontravenzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement.

(7) Waqt operazzjoni tas-sorveljanza tal-fruntieri fil-baħar, tista' tinqala' sitwazzjoni fejn ikun meħtieġ li tingħata assistenza lil persuni f'diffikultà. F'konformità mal-liġi internazzjonali, kull Stat irid jobbliga lill-kaptan ta' vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu, sakemm jista' jagħmel dan mingħajr periklu serju għall-vapur, l-ekwipaġġ jew il-passiġġieri, biex jagħti għajnuna lil kull persuna li tinstab fil-baħar f'periklu li tintilef u

[14] ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.
[15] ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 168.

li jipproċedi malajr kemm jista' jkun biex isalva lill-persuni f'diffikultà. Tali assistenza għandha tingħata tkun xi tkun in-nazzjonalità jew l-istatus tal-persuni li jkunu se jingħataw l-assistenza jew taċ-ċirkustanzi li jinsabu fihom.

(8) Dan l-obbligu għandu jitwettaq mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-istrumenti internazzjonali li jirregolaw is-sitwazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ u f'konformità mar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet tat-tfittxija u s-salvataġġ, inkluż biex jiżgura li l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni jitwettqu b'mod li l-persuni salvati jistgħu jitwasslu f'port jew post ta' sikurezza.

(9) Skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004, l-operazzjonijiet tas-sorveljanza tal-fruntiera kkoordinati mill-Aġenzija jitwettqu f'konformità mal-pjan operattiv. Bl-istess mod, fir-rigward tal-operazzjonijiet fuq il-baħar, il-pjan operattiv għandu jinkludi informazzjoni speċifika dwar l-applikazzjoni tal-ġuriżdizzjoni u l-leġiżlazzjoni rilevanti fiż-żona ġeografika fejn isseħħ l-operazzjoni konġunta jew il-proġett pilota, inkluż referenzi għal liġi internazzjonali u tal-Unjoni dwar l-interċettazzjoni, is-salvataġġ fuq il-baħar u l-iżbark. Min-naħa l-oħra, dan ir-Regolament imexxi l-kwistjonijiet ta' interċettazzjoni, salvataġġ fuq il-baħar u żbark fil-kuntest tal-operazzjonijiet tas-sorveljanza tal-fruntiera tal-baħar ikkoordinati mill-Aġenzija.

(10) Il-prattika skont ir-Regolament (KE) Nru 2007/2004 hija li għal kull operazzjoni fuq il-baħar, titwaqqaf struttura ta' koordinazzjoni fi ħdan l-Istat Membru ospitanti, magħmula minn uffiċjali mill-Istat Membru ospitanti, uffiċjali mistiedna u rappreżentanti tal-Aġenzija, inkluż l-Uffiċjal ta' Koordinazzjoni tal-Aġenzija. Din l-istruttura ta' koordinazzjoni, li normalment tissejjaħ iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni, għandha tintuża bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn l-uffiċjali involuti fl-operazzjoni fuq il-baħar u l-awtoritajiet ikkonċernati.

(11) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikulari d-dritt għall-ħajja, id-dinjità umana, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament jew kastig inuman u degradanti, id-dritt għal-libertà u s-sigurtà, il-prinċipju ta' non-refoulment, ta' kontra d-diskriminazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv, id-dritt għall-asil u d-drittijiet tat-tfal.

(12) Peress li l-għanijiet tal-azzjoni li jridu jitwettqu, jiġifieri l-adozzjoni ta' regoli speċifiċi għas-sorveljanza tal-fruntieri tal-baħar mill-gwardji tal-fruntieri li joperaw taħt il-koordinazzjoni tal-Aġenzija, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba d-differenzi fil-liġijiet u l-prassi tagħhom, u għalhekk, minħabba n-natura multinazzjonali tal-operazzjonijiet, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(13) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, taħt it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, id-Danimarka tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jekk timplimentahx jew le fil-liġi nazzjonali tagħha.

(14) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mar-Repubblika tal-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[16] li jaqgħu fil-qasam li għalih hemm referenza fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[17] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(15) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen,[18] li jaqgħu fi ħdan il-qasam indikat fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea[19].

(16) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fit-tifsira tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqa' fi ħdan il-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt A, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[20] li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/KE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni ta' dak il-protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea[21].

(17) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[22]. Għaldaqstant, ir-Renju Unit mhuwiex jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(18) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fih ir-Renju Unit ma jiħux sehem, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi wħud mid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen[23]. Għaldaqstant, l-Irlanda mhijiex tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

[16] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
[17] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[18] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
[19] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
[20] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
[21] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19.
[22] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 01 p. 178).
[23] ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 19 Volum 04 p. 211).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

### Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għal operazzjonijiet ta' sorveljanza tal-fruntieri mwettqa mill-Istati Membri mal-fruntieri esterni fil-baħar tagħhom fil-kuntest tal-kooperazzjoni operattiva kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 2*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 2007/2004;
2. "operazzjoni fuq il-baħar" tfisser operazzjoni konġunta, proġett pilota jew intervent rapidu mwettaq mill-Istati Membri għas-sorveljanza tal-fruntieri esterni fil-baħar tagħhom bil-koordinazzjoni tal-Aġenzija;
3. "Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru li fih isseħħ operazzjoni fuq il-baħar jew li tiġi varata minnu;
4. "Stat Membru parteċipanti" tfisser Stat Membru li jipparteċipa f'operazzjoni fuq il-baħar billi jipprovdi assi jew riżorsi umani, iżda li mhuwiex Stat Membru ospitanti;
5. "unità parteċipanti" tfisser unità marittima jew mill-ajru tal-Istat Membru ospitanti jew ta' Stat Membru parteċipanti;
6. "Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni" tfisser l-istruttura ta' koordinazzjoni mwaqqfa fi ħdan l-Istat Membru għall-koordinazzjoni tal-operazzjoni fuq il-baħar;
7. "Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni" tfisser iċ-ċentru nazzjonali ta' koordinazzjoni mwaqqaf għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR) f'konformità mar-Regolament (UE) Nru […/…];
8. "vapur" tfisser dgħajsa, bastiment jew kwalunkwe inġenju ieħor użat fuq il-baħar;
9. "vapur mingħajr Stat" tfisser vapur mingħajr nazzjonalità jew jitqies bħala vapur mingħajr nazzjonalità meta l-vapur ma jkunx ingħata id-dritt minn xi Stat li jtajjar il-bandiera tiegħu jew meta jkun qed ibaħħar bil-bnadar ta' żewġ Stati jew aktar, u jużahom skont il-konvenjenza;
10. "Protokoll kontra t-Traffikar tal-Migranti" tfisser il-Protokoll kontra t-Traffikar tal-Migranti bl-Art, bil-Baħar u bl-Ajru, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali ffirmata f'Palermo, l-Italja f'Diċembru 2000;
11. "post ta' sikurezza" tfisser post fejn operazzjonijiet ta' salvataġġ jitqiesu bħala mitmuma u fejn is-sikurezza jew il-ħajja ta' min isalva inkluż fir-rigward tal-

protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom ma tiġix mhedda, fejn jistgħu jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi umani tagħhom u jistgħu jsiru l-arranġamenti għat-trasportazzjoni għad-destinazzjoni li jmiss jew id-destinazzjoni finali għal min isalva;

12. "Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ" tfisser unità responsabbli għall-promozzjoni ta' organizzazzjoni effikaċi ta' servizzi ta' tfittxija u salvataġġ u għall-koordinazzjoni tat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ f'reġjun ta' tfittxija u salvataġġ kif definit fil-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi tal-1979.

## KAPITOLU II

## REGOLI ĠENERALI

### *Artikolu 3*

### Sikurezza fuq il-baħar

Il-miżuri meħuda għall-fini ta' operazzjoni fuq il-baħar jitwettqu b'mod li ma jpoġġux f'riskju s-sikurezza tal-persuni interċettati jew salvati u s-sikurezza tal-unitajiet parteċipanti.

### *Artikolu 4*

### Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipju ta' non-refoulement

1. L-ebda persuna ma għandha tiġi żbarkata fi, jew b'xi mod mgħoddija lill-awtoritajiet ta' pajjiż fejn ikun hemm riskju serju li tali persuna tkun suġġetta għall-piena tal-mewt, għal tortura jew trattament jew kastig ieħor inuman jew degradanti jew li minnu jkun hemm riskju serju ta' tneħħija, tkeċċija jew estradizzjoni lejn pajjiż ieħor f'kontravenzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement.

2. Qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar żbark f'pajjiż terz, l-unitajiet parteċipanti jqisu s-sitwazzjoni ġenerali f'dak il-pajjiż terz u l-persuni interċettati jew salvati ma jitniżżlux f'dak il-pajjiż terz meta l-Istat Membru ospitanti jew l-Istati Membri parteċipanti jkunu konxji jew għandhom ikunu konxji li dan il-pajjiż terz huwa involut fi prattiki kif stipulat fil-paragrafu 1.

3. F'każ ta' żbark f'pajjiż terz, l-unitajiet parteċipanti jidentifikaw il-persuni interċettati jew salvati u jevalwaw iċ-ċirkustanzi personali tagħhom safejn hu possibbli qabel l-iżbark. Huma jinfurmaw lill-persuni interċettati jew salvati dwar il-post ta' żbark b'mod xieraq u jagħtuhom opportunità li jesprimu kwalunkwe raġuni għaliex jemmnu li l-iżbark fil-post propost ikun bi ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement.

4. L-unitajiet parteċipanti jindirizzaw il-*ħtiġijiet* speċjali tat-tfal, tal-vittmi ta' traffikar, tal-persuni li jkollhom bżonn urġenti ta' assistenza medika, tal-persuni li jkollhom bżonn protezzjoni internazzjonali u ta' persuni oħrajn li jkunu f'sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli waqt l-operazzjoni fuq il-baħar.

5. Il-gwardji tal-fruntieri li jipparteċipaw f'operazzjoni fuq il-baħar jiġu mħarrġa fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-drittijiet fundamentali, il-liġi dwar ir-refuġjati u r-reġim legali internazzjonali ta' tfittxija u salvataġġ.

## KAPITOLU III

## REGOLI SPEĊIFIĊI

### *Artikolu 5*

### Identifikazzjoni

1. Malli jintlemaħ vapur li jkun issuspettat li qasam jew li beħsiebu jaqsam il-fruntiera b'mod irregolari, l-untajiet parteċipanti javviċinawh sabiex tiġi osservata l-identità u n-nazzjonalità tiegħu u, sakemm jittieħdu miżuri oħrajn, jiġi sorveljat minn distanza prudenti. L-unitajiet parteċipanti jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-vapur immedjatament liċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni.

2. Jekk il-vapur ikun se jidħol jew ikun daħal fil-baħar territorjali jew fiż-żona kontigwa ta' Stat Membru li ma jkunx parteċipi fl-operazzjoni fuq il-baħar, l-unitajiet parteċipanti jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-vapur liċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni, li jwassal din l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat.

3. L-unitajiet parteċipanti jikkomunikaw l-informazzjoni dwar kwalunkwe vapur suspettat li jkun impenjat f'attivitajiet illegali fuq il-baħar barra mill-ambitu ta' operazzjoni fuq il-baħar liċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni, li jgħaddi din l-informazzjoni liċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati.

### *Artikolu 6*

### Interċettazzjoni fil-baħar territorjali

1. Fil-baħar territorjali tal-Istat Membru ospitanti jew Stat Membru parteċipanti, l-unitajiet parteċipanti jieħdu waħda minn dawn il-miżuri li ġejjin jew aktar meta jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li vapur ikun qed iġorr persuni bil-ħsieb li jevitaw kontrolli mal-punti tal-qsim tal-fruntieri jew ikun involut fit-traffikar ta' migranti fuq il-baħar:

   (a) tintalab informazzjoni u dokumentazzjoni dwar is-sjieda, ir-reġistrazzjoni u l-elementi relatati mal-vjaġġ, u dwar l-identità, in-nazzjonalità u dejta oħra rilevanti dwar il-persuni abbord;

   (b) jitwaqqaf il-vapur, jitilgħu abbord u jiġi mfittex il-vapur, il-merkanzija tiegħu u l-persuni abbord, u jiġu interrogati l-persuni abbord;

   (c) li wieħed jagħmel lill-persuni abbord konxji li jistgħu ma jkunux awtorizzati jaqsmu l-fruntiera u li l-persuni li qed jidderieġu l-biċċa tal-baħar jistgħu jiffaċċjaw penali talli ffaċilitaw il-vjaġġ;

   (d) il-vapur jiġi kkonfiskat u l-persuni abbord jiġu arrestati;

   (e) tingħata ordni li l-vapur jimmodifika r-rotta tiegħu 'l barra minn jew lejn destinazzjoni barra mill-ibħra territorjali jew iż-żona kontigwa, u l-bastiment jiġi eskortat jew insegwit mill-qrib sakemm il-vapur jaqbad it-tali rotta;

   (f) il-vapur jew il-persuni abbord jitwasslu lejn l-Istat Membru ospitanti jew lejn Stat Membru ieħor parteċipi fl-operazzjoni, jew lejn l-Istat Membru kostali.

2. L-Istat Membru ospitanti jew l-Istat Membru parteċipanti li sseħħ l-interċettazzjoni fil-baħar territorjali tiegħu jawtorizza l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u jagħti struzzjonijiet lill-unità parteċipanti b'mod xieraq permezz taċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni. L-unità parteċipanti tinforma lill-Istat Membru ospitanti, permezz taċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni, kull meta l-kaptan tal-vapur jitlob li aġent diplomatiku jew uffiċjal tal-konsulat tal-Istat tal-bandiera jiġi notifikat.

3. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli għaliex wieħed jissuspetta li vapur mingħajr nazzjonalità jew wieħed li jista' jiġi meqjus bħala vapur mingħajr nazzjonalità jkun qed iġorr persuni bil-ħsieb li jevitaw il-kontrolli mal-punti tal-qsim tal-fruntieri, jew ikun involut fit-traffikar tal-immigranti bil-baħar, l-Istat Membru ospitanti jew l-Istat Membru parteċipanti li l-vapur mingħajr Stat jiġi interċettat fil-baħar territorjali tiegħu jawtorizza u jagħti struzzjonijiet lill-unità parteċipanti biex twaqqfu u biex tieħu kwalunkwe mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

4. Kwalunkwe attività operattiva fl-ibħra territorjali ta' Stat Membru li ma jkunx qed jipparteċipa fl-operazzjoni fuq il-baħar titwettaq f'konformità mal-awtorizzazzjoni ta' dak l-Istat Membru. Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni jiġi infurmat bi kwalunkwe komunikazzjoni mal-Istat kostali u bl-azzjoni sussegwenti awtorizzata minn dak l-Istat Membru.

*Artikolu 7*

Interċettazzjoni fl-ibħra internazzjonali

1. Fl-ibħra internazzjonali, l-unitajiet parteċipanti jieħdu waħda minn dawn il-miżuri li ġejjin jew aktar meta jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li vapur ikun involut fit-traffikar ta' migranti bil-baħar suġġett għall-awtorizzazzjoni tal-Istat tal-bandiera skont il-Protokoll kontra t-Traffikar tal-Migranti:

(a) tintalab informazzjoni u dokumentazzjoni dwar is-sjieda, ir-reġistrazzjoni u l-elementi relatati mal-vjaġġ, u dwar l-identità, in-nazzjonalità u dejta oħra rilevanti dwar il-persuni abbord;

(b) jitwaqqaf il-vapur, jitilgħu abbord u jiġi mfittex il-vapur, il-merkanzija tiegħu u l-persuni abbord, u jiġu interrogati l-persuni abbord;

(c) li wieħed jagħmel lill-persuni abbord konxji li jistgħu ma jkunux awtorizzati jaqsmu l-fruntiera u li l-persuni li qed jidderieġu l-inġenju tal-baħar jistgħu jiffaċċjaw penali talli ffaċilitaw il-vjaġġ;

(d) il-vapur jiġi kkonfiskat u l-persuni abbord jiġu arrestati;

(e) tingħata ordni li l-vapur jimmodifika r-rotta tiegħu 'l barra minn jew lejn destinazzjoni barra mill-ibħra territorjali jew iż-żona kontigwa, u l-bastiment jiġi eskortat jew insegwit mill-qrib sakemm il-vapur jaqbad it-tali rotta;

(f) il-vapur jew il-persuni abbord jitwasslu lejn pajjiż terz jew inkella l-vapur jew il-persuni abbord jingħataw f'idejn l-awtoritajiet ta' pajjiż terz;

(g) il-vapur jew il-persuni abbord jitwasslu lejn l-Istat Membru ospitanti jew lejn Stat Membru ieħor parteċipanti fl-operazzjoni.

2. Jekk il-vapur ikun qed itajjar il-bandiera jew juri l-marki tar-reġistru tal-Istat Membru ospitanti jew ta' Stat Membru parteċipanti, dak l-Istat Membru, wara li jikkonferma n-nazzjonalità tal-vapur, jawtorizza l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. Jekk il-vapur ikun qed itajjar il-bandiera jew juri l-marki tar-reġistrazzjoni ta' Stat Membru li ma jkunx parteċipi fl-operazzjoni fuq il-baħar jew ta' pajjiż terz, l-Istat Membru ospitanti jew Stat Membru parteċipanti, skont liema unità parteċipanti tinterċetta dan il-vapur, jinnotifika lill-Istat tal-bandiera, jitlob konferma tar-reġistrazzjoni u, jekk in-nazzjonalità tiġi kkonfermata, jitlob l-awtorizzazzjoni mill-Istat tal-bandiera biex jieħu kwalunkwe mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istat Membru ospitanti jew l-Istat Membru parteċipanti jinforma liċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni bi kwalunkwe komunikazzjoni mal-Istat tal-bandiera u bil-miżuri awtorizzati mill-Istat tal-bandiera.

4. Jekk, minkejja li jkun qed itajjar bandiera barranija jew jirrifjuta li juri l-bandiera tiegħu, ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-vapur ikun, fil-verità, tal-istess nazzjonalità tal-unità parteċipanti, dik l-unità parteċipanti tivverifika d-dritt tal-vapur li jtajjar il-bandiera tagħha. Għal dan il-għan, hija tista' tavviċina l-vapur issuspettat. Jekk jibqa' suspett wara li jiġu kkontrollati d-dokumenti, hija għandha tipproċedi b'eżami ulterjuri abbord il-vapur, li jrid jitwettaq bil-kunsiderazzjoni kollha possibbli. L-Istat Membru parteċipanti li allegatament il-vapur ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu jiġi kkuntattjat permezz tal-mezzi xierqa.

5. Jekk, minkejja li jkun qed itajjar bandiera barranija jew jirrifjuta li juri l-bandiera tiegħu, ikun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-vapur ikun, fil-verità, tal-istess nazzjonalità tal-Istat Membru ospitanti jew ta' Stat Membru parteċipanti ieħor, l-unità parteċipanti tivverifika d-dritt tal-vapur li jtajjar il-bandiera tiegħu fuq l-awtorizzazzjoni ta' dak l-Istat Membru.

6. Jekk, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 4 u 5, jirriżulta li s-suspetti fir-rigward tan-nazzjonalità tal-vapur ikunu fondati, l-Istat Membru ospitanti jew l-Istat Membru parteċipanti jawtorizza l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

7. Sakemm toħroġ awtorizzazzjoni jew jekk ma jkunx hemm waħda mill-Istat tal-bandiera, il-vapur jiġi ssorveljat minn distanza prudenti. Ma tittieħed l-ebda miżura oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-Istat tal-bandiera, minbarra dawk meħtieġa biex jitneħħa periklu imminenti għal ħajjet in-nies jew dawk il-miżuri li jirriżultaw minn ftehimiet bilaterali jew multilaterali rilevanti.

8. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li vapur mingħajr nazzjonalità jew wieħed li jista' jiġi meqjus bħala vapur mingħajr nazzjonalità jkun involut fit-traffikar ta' migranti bil-baħar, l-unità parteċipanti tista' titla' abbord u twaqqaf il-vapur bil-ħsieb li tivverifika li huwa mingħajr Stat. Jekk jirriżulta li s-suspetti jkunu fondati jistgħu jittieħdu aktar miżuri xierqa skont il-liġi nazzjonali u l-liġi internazzjonali kif stabbilit fil-paragrafu 1.

9. Stat Membru li jkun ħa kwalunkwe miżura skont il-paragrafu 1 jinforma minnufih lill-Istat tal-bandiera bir-riżultati ta' dik il-miżura.

10. L-uffiċjal nazzjonali li jirrappreżenta l-Istat Membru ospitanti jew Stat Membru parteċipanti fiċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni jiġi nnominat skont il-liġi nazzjonali bħala awtorità għall-awtorizzazzjoni biex jivverifika d-dritt tal-vapur li jtajjar il-bandiera tal-Istat Membru kkonċernat jew li jieħu xi waħda mill-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

11. Meta jirriżulta li r-raġunijiet li wieħed jissuspetta li vapur ikun involut fit-traffikar tal-migranti fl-ibħra internazzjonali jkunu infondati jew l-unità parteċipanti ma jkollhiex ġurisdizzjoni biex taġixxi, iżda jibqa' suspett raġonevoli li l-vapur ikun qed iġorr persuni bil-ħsieb li jilħqu l-fruntiera ta' Stat Membru u li jevitaw il-kontrolli

mal-punti tal-qsim tal-fruntieri, dak il-vapur ikompli jiġi ssorveljat. Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni jikkomunika l-informazzjoni dwar il-vapur liċ-Ċentru Nazzjonali ta' Koordinazzjoni tal-Istati Membri li jkun indirizzat lejhom.

*Artikolu 8*

Interċettazzjoni fiż-żona kontigwa

1. Fiż-żona kontigwa mal-baħar territorjali ta' Stat Membru, li jkun Stat Membru ospitanti jew Stat Membru parteċipanti, jittieħdu l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 6(1) skont l-Artikolu 6(2).

2. Il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 6(1) ma jittiħdux fiż-żona kontigwa ta' Stat Membru li ma jkunx parteċipi fl-operazzjoni fuq il-baħar mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' dak l-Istat Membru. Iċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni jiġi infurmat bi kwalunkwe komunikazzjoni mal-Istat kostali u bl-azzjoni sussegwenti awtorizzata minn dak l-Istat Membru.

3. Jekk vapur mingħajr Stat jgħaddi miż-żona kontigwa, japplika l-Artikolu 7(8).

*Artikolu 9*

Sitwazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ

1. Waqt operazzjoni fuq il-baħar, l-unitajiet parteċipanti jipprovdu assistenza lil kull vapur jew persuna f'diffikultà fuq il-baħar. Huma jagħmlu dan tkun xi tkun in-nazzjonalità jew l-istatus ta' tali persuna jew taċ-ċirkustanzi li fihom tinstab.

2. Meta, waqt operazzjoni fuq il-baħar, jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' inċertezza, twissija jew diffikultà fir-rigward ta' vapur jew kwalunkwe persuna abbord, l-unità parteċipanti tibgħat kemm jista' jkun malajr l-informazzjoni kollha disponibbli liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ responsabbli mir-reġjun tat-tfittxija u s-salvataġġ li fihom isseħħ is-sitwazzjoni.

3. Vapur jew il-persuni abbord jitqiesu li huma f'sitwazzjoni ta' inċertezza b'mod partikolari meta:

   (a) jeżistu dubji dwar is-sikuerzza ta' vapur jew il-persuni abbord; jew

   (b) ikun hemm nuqqas ta' informazzjoni dwar il-progress jew il-pożizzjoni ta' vapur.

4. Vapur jew il-persuni abbord jitqiesu li huma f'sitwazzjoni ta' twissija b'mod partikolari meta:

   (a) ikun hemm biża' fir-rigward tas-sikurezza ta' vapur jew il-persuni abbord minħabba informazzjoni li jkun hemm diffikultajiet serji, iżda li ma jwasslux għal probabbiltà ta' sitwazzjoni ta' periklu; jew

   (b) ikun hemm nuqqas kontinwu ta' informazzjoni dwar il-progress jew il-pożizzjoni ta' vapur.

5. Vapur jew il-persuni abbord jitqiesu li huma f'sitwazzjoni ta' periklu b'mod partikolari meta:

   (a) tasal informazzjoni pożittiva li vapur jew persuna abbord ikunu f'periklu u jkunu jeħtieġu għajnuna immedjata; jew

(b) attentati biex jiġi stabbilit kuntatt mal-vapur ifallu u inkjesti mingħajr suċċess jirriżultaw li probabbli l-vapur ikun f'diffikultà; jew

(c) tasal informazzjoni li tindika li l-effiċjenza operattiva tal-vapur tkun iddgħajfet sal-punt li tkun probabbli sitwazzjoni ta' periklu.

6. Meta tiġi evalwata s-sitwazzjoni għall-finijiet tal-paragrafi 3 sa 5, l-unitajiet parteċipanti jqisu l-elementi rilevanti kollha, inkluż:

(a) l-eżistenza ta’ talba għall-assistenza;

(b) kemm il-vapur ikun tajjeb għall-baħar u jekk hux probabbli li l-vapur ma jasalx fid-destinazzjoni aħħarija tiegħu;

(c) in-numru ta’ passiġġieri meta mqabbel mat-tip u l-kundizzjoni tal-vapur;

(d) id-disponibbiltà tal-provvisti meħtieġa, bħall-fjuwil, l-ilma, l-ikel, eċċ. biex jasal sa xatt;

(e) il-preżenza ta’ ekwipaġġ u kmand ikkwalifikat tal-vapur,

(f) id-disponibbiltà u l-abbiltà ta’ tagħmir ta’ sikurezza, navigazzjoni u komunikazzjoni,

(g) il-preżenza ta’ passiġġieri li jkollhom bżonn urġenti ta’ assistenza medika,

(h) il-preżenza ta’ passiġġieri mejtin,

(i) il-preżenza ta’ nisa tqal jew tfal,

(j) il-kundizzjonijiet tat-temp u tal-baħar, inkluż tbassir tat-temp u tal-baħar.

7. Unitajiet parteċipanti jikkomunikaw minnufih il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom liċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ responsabbli. Filwaqt li jistennew struzzjonijiet miċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ, l-unitajiet parteċipanti jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tal-persuni kkonċernati.

8. L-eżistenza ta’ sitwazzjoni ta’ periklu ma tkunx esklużivament dipendenti fuq jew iddeterminata minn talba attwali għall-għajnuna. Jekk, minkejja li vapur jitqies li jkun f’sitwazzjoni ta’ diffikultà, il-persuni abbord jirrifjutaw li jaċċettaw għajnuna, l-unità parteċipanti tinforma liċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ u tkompli twettaq dmir ta’ diliġenza billi tissorvelja l-vapur minn distanza prudenti u billi tieħu kwalunkwe miżura meħtieġa għas-sikurezza tal-persuni kkonċernati, filwaqt li tevita li tieħu kwalunkwe azzjoni li tista' taggrava s-sitwazzjoni jew iżżid ir-riskji ta' ħsara jew telf ta' ħajja.

9. Jekk iċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ tal-pajjiż terz responsabbli mir-reġjun ta’ tfittxija u salvataġġ ma jweġibx għan-notifika trażmessa mill-unità parteċipanti, din tal-aħħar għandha tikkuntattja liċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ tal-Istat Membru ospitanti sakemm ma jkunx hemm Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ ieħor li jkun f’pożizzjoni aħjar biex jassumi l-koordinazzjoni tas-sitwazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ.

10. L-unitajiet parteċipanti jinfurmaw liċ-Ċentru Internazzjonali ta’ Koordinazzjoni mill-aktar fis possibbli bi kwalunkwe kuntatt maċ-Ċentru ta’ Koordinazzjoni tas-Salvataġġ u bl-azzjoni li tittieħed minnhom.

11. Jekk il-vapur ma jistax jitqies aktar li huwa jew li għadu f’sitwazzjoni ta' periklu jew tintemm l-operazzjoni ta’ tfittxija u salvataġġ, l-unità parteċipanti tkompli l-

operazzjoni fuq il-baħar, f'konsultazzjoni maċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni.

*Artikolu 10*

Żbark

1. Il-modalitajiet għall-iżbark tal-persuni interċettati jew salvati waqt operazzjoni fuq il-baħar jiġu stabbiliti fil-pjan operattiv. Dawk il-modalitajiet għall-iżbark ma jkollhomx l-effett li jimponu obbligi fuq l-Istati Membri li ma jkunux parteċipi fl-operazzjoni fuq il-baħar sakemm huma espressament ma jipprovdux l-awtorizzazzjoni biex jittieħdu miżuri fil-baħar territorjali jew fiż-żona kontigwa tagħhom skont l-Artikolu 6(4) jew l-Artikolu 8(2).

2. Fil-każ ta' interċettazzjoni fil-baħar territorjali jew fiż-żona kontigwa kif stabbilit fl-Artikolu 6(2) jew l-Artikolu 8(1), l-iżbark iseħħ fl-Istat Membru ospitanti jew fl-Istat Membru parteċipanti li fl-ibħra territorjali jew fiż-żona kontigwa tiegħu sseħħ l-interċettazzjoni.

Fil-każ ta' interċettazzjoni fil-baħar territorjali jew fiż-żona kontigwa kif stabbilit fl-Artikolu 6(4) jew l-Artikolu 8(2), l-iżbark iseħħ fl-Istat Membru li fl-ibħra territorjali jew fiż-żona kontigwa tiegħu sseħħ l-interċettazzjoni.

3. Soġġett għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4, fil-każ ta' interċettazzjoni fl-ibħra internazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 7, jista' jseħħ żbark fil-pajjiż terz li minnu jkun telaq il-vapur. Jekk dan ma jkunx possibbli, l-iżbark iseħħ fl-Istat Membru ospitanti.

4. Fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ kif stabbilit fl-Artikolu 9, l-unitajiet parteċipanti jikkooperaw maċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ responsabbli biex jipprovdu port jew post ta' sikurezza xieraq għall-persuni salvati u biex jiżguraw l-iżbark rapidu u effettiv tagħhom.

Bla ħsara għar-responsabbiltà taċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tas-Salvataġġ, l-Istat Membru ospitanti u l-Istati Membri parteċipanti jiżguraw malajr kemm jista' jkun li jiġi identifikat port jew post ta' sikurezza filwaqt li jitqiesu fatturi rilevanti, bħal distanzi għall-eqreb portijiet jew postijiet ta' sikurezza, riskji u ċ-ċirkustanzi tal-każ.

Jekk l-unità parteċipanti ma tinħelisx mill-obbligu tagħha msemmi fl-Artikolu 9(1) malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattiku, filwaqt li titqies is-sikurezza tal-persuni salvati u dik tal-unità parteċipanti nnifisha, hija tkun tista' tiżbarka l-persuni salvati fl-Istat Membru ospitanti.

5. L-unitajiet parteċipanti jinfurmaw liċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni bil-preżenza ta' kwalunkwe persuna fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 4(1), u ċ-Ċentru Internazzjonali ta' Koordinazzjoni jgħaddi dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-pjan operattiv għandu jiddetermina liema miżuri ta' segwitu jistgħu jittieħdu.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 11*

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak li fih ikun ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew*<br>*Il-President* | *Għall-Kunsill*<br>*Il-President* |